**TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**(GHAWDEX)**

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tat-Tlieta 5 ta' Jannar 2016

Avviz Nru 12/2015

Mark Grech

Vs

Joseph Sultana.

It-Tribunal,

Ra' l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas fis-somma ta' seba mija u hamsin ewro (€ 750) prezz ta' tlett stoves mibjugha lil konvenut. Bl-ispejjes kif mitlub.

Ra' r-risposta tal-konvnut li permezz taghha eccepixxa illi huwa ghad fadallu jiehu mill-prezz originali tal-bejgh ta' dawn l-istoves.

Ra' ir-risposta ulterjuri li permezz taghha l-konvenut eccepixxa illi l-istoves mertu tal-kawza ma kienux jappartjenu lil attur izda lil Bella Claudia Nicoletta Cassar u ghalhekk hu ghandu jigi liberat minn l-osservanza tal-gudizzju.

Ra' d-dokumenti kollha esebiti.

Sema' x-xhieda bil-gurament u ra' t-traskrizzjonijiet ta' l-istess xhieda.

Ra' d-digriet u l-verbali kollha tieghu nkluz dak tad-disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) illi permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Mark Grech fthiem biex ibiegh dawn it-tlett stoves lil konvenut. Dan sar tramite certa Tonio Schembri li kien l-persuna li tiehu hsieb l-fond fejn kienu sitwati tnejn minn l-istoves.

Li ma qalx l-attur kien illi dan il-fond ma kienx tieghu izda tas-siehba tieghu Bella Cassar. Kwindi l-istoves sitwati f'dan il-fond kienu propjeta taghha. Minn dak li xehed il-konvenut jirrizulta illi tnejn minn dawn l-istoves cioe dawk li kienu sitwati fid-dar ta' Bella Cassar kien bieghom hu fiz-zmien li Bella Cassar kienet mizzewga ma Anton Cassar. Taghhom kien ghadu ma thallasx kollox u kien qed jara kif jaghmel biex jigbor flusu. F'dan ir-rigward dan it-Tribunal jifhem illi Mark Grech ma setax kien qed ibiegh hwejjeg haddiehor. Kieku kien qed kien ikun qed jiddefrawda lil kompratur. Ghalhekk dan it-tribnal jifhem illi Mark Grech kien qed jagixxi ghan nom tas-sid Bella Cassar.

F'dawk ic-cirkostanzi l-konvent li kien fadallu jigbor flus fuq dawn l-istoves kellu kull dritt ipaci dak li kellu jigbor ma dak li gie mifthiem bhala prezz ta' bejgh ghalihom. Dan it-Tribunal jemmen il-verzjoni moghtija mill-konvenut li tidher verzjoni kredibbli u spjegata ferm aktar minn dik ta' l-attur. L-anqas jemmen illi l-attur ma kienx jaf li l-konvenut kien fadallu jiehu. Jidher pero illi ried jilghaba tal-hmar biex ma jhallasx dawna. Dan huwa anke rifless fil-mod kif xehed l-attur li naqas li jghati certa dettalji important li imbghad hargu f'xhieda sussegwenti.

Ghalhekk dwar l-istoves li kienu propjeta ta' Bella Cassar, il-konvenut ma ghandu jhallas xejn.

Mhux hekk ghal l-istove l-iehor li ma jidhirx li Bella Cassar kellha x'taqsam mieghu u li jidher li kien propjeta ta' l-attur. Il-prezz ta' dan fl-ammont ta' mitejn u hamsin Ewro (€ 250) ghandhu jithallas in toto. Jirrizulta pero minn dak li xehed l-konvenut, u li dan it-Tribunal ma jarax li ghandu jiddubita, illi qabel din il-kawza l-konvenut kien tramite l-avukat tieghu bghat cekk ta' mitejn u hamsin Ewro (€ 250) lil attur bhala hlas ta' dan l-istove, li l-attur pero irrifjuta. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi fejn l-konvenut ser jigi ikkundannat ihallas lil attur propju din is-somma biss, l-konvenut ma ghandux ibghati spejjes.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' in parti t-talba attrici u min naha l-ohra jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut limitatament sakemm kompatibbli ma dak fuq konsiderat; jikkundanna lil konvenut ihallas lil attur is-somma ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza l-qudiem. Fic-cirkostazni l-ispejjes kollha ikunu a kariku ta' l-attur.

**Kevin Mompalao**

**Gudikatur**

**D/Registratur**